# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2016**

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Guramentat Numru : 435/2015/LSO**

**Anna *sive* Anne Sammut nee` Sapiano [Pass. Awst N2904870]**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Anna Sammut datat 12 ta' Mejju 2015 fejn esponiet: -

Illi, preliminarjament jigi rilevat li dan ir-rikors qieghed jigi redatt u pprezentat lil dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-Art. **253** *et seq.* **tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta];**

Illi, l-attrici hija detentrici tal-passaport Awstraljan bin-numru N2904870 [*vide* Dok 'A' - Passaport Awstraljan ta' Anna Sammut], li twieldet nhar l-20 **ta' April, 1954** gewwa **King George V Memorial Hospital,** Floriana, Malta [*vide* Dok 'B' u ‘C' - Certifikati tal-Maghmudija kif mahruga mic-Centru Parrokjali tal-Parrocca ta' Paola fit-13 **ta' Settembru, 1980 u fl-1 ta' Decimbru 2014],** bint Charles Sapiano u Josephine nee` Civelli;

Illi, kif jirrizulta mic-certifikati annessi Anna Sammut twieldet nhar **l-20 ta' April 1954** u giet mghammda fit-**2 ta' Mejju**. 1954 (emfasi tal-esponent);

Illi, l-attrici sussegwentement izzewget lil Joseph Sammut nhar it-**8 ta' Awwissu 1981,** liema zwieg gie ccelebrat l-Awstralja u hadet kunjom ir-ragel taghha [*vide* Dok 'D' - Applikazzjoni ghar-Registrazzjoni taz-Zwieg]

Illi, l-Kummissjoni Gholja ta' Malta hareg certifikat provizorju ta' nazzjonalita` lill-attrici nhar **l-20 ta' Novembru 2014** fejn *inter alia* gie ddikjarat **l-20 ta' April** 1954 bhala d-data tat-twelid tal-attrici [*vide Dok* **'E'** - Konferma informali ta' Cittadinanza];

Illi, jidher li meta missier l-attrici, Charles Sapiano, mar jirregistra it-twelid ta' bintu mar-Registru Pubbliku nhar **it-30 ta' Settembru, 1954** sar zball ***lapsus calami*** min- naha tar-rapprezentant tal-konvenut fix-xahar tat-twelid u **minnflok giet registrata li twieldet fix-xahar ta' April giet registrata li twieldet fix-xahar ta' Mejju** (emfasi tal-esponent), tant hekk jidher mill-estratt tat-twelid li inhareg fit-13 **ta' April 1976,** li gie kkoregut bl-idejn mill-ufficjal inkarigat [*vide* Dok **'F'** - Estratt tat-twelid (Form I) iddatat **13.04.1976];**

Illi, xhieda ta' dan huwa l-fatt li 'l-Att Shih tal-Att ta' Twelid ta' Anna Sapiano, li jgib in-numru progressiv **6787** u li gie registrat **fit-30 ta' Settembru 1954,** fil-kolonna intitolata *'Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena'* hemm imnizzel **3:15 p.m. 20th May. 1954** [*vide Dok 'J'* - Att Shih ta' Twelid ta' Anna Sammut];

Illi, estratti sussegwenti mahruga mid-Direttur tar-Registru Pubbliku juru li d-data tat-twelid bhala **l-20 ta' Mejju, 1954** [*vide Dok* 'G' sa 'I' - Estratti formali u informali tal-Att ta' twelid tal-attrici];

Illi, l-istqarrija guramentata tal-attrici [*vide* Dok 'K' - Affidavit ta' Anna Sammut] igib il-fatti kollha rigwardanti id-data tat-twelid taghha a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u jkun opportun kwindi li kopja tal-minuta kif giet irregistrata fir-registru originali innifisu jigi prodott in atti mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-ahjar istruzzjoni tal-kaz;
Illi, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza dan kien zball tal-konveut Direttur tar-Registru Pubbliku ghax,

minimament, ma huwiex possibbli li persuna titghammed qabel ma titwieled;

Illi, pero` hekk ikun ifisser u jkun jirrizulta jekk id-data kif ufficjalment rikonoxxut mid-Direttur tar-Registru Pubbliku tigi ratifikata minn dina l-Onorabbli Qorti billi t-tabliet attrici ma jintlaqghux;

Illi, sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher li tul il-kors ta' hajjitha Anna Sammut nee` Sapiano, hija maghrufa u kienet minn dejjem maghrufa bhala 'Anne' u mhux 'Anna';

Illi, sahansitra ir-ragel taghha, Joseph Sammut hekk jistqarr fl-affidavit tieghu liema affidavit qieghed jigi anness u mmarkat bhala  Dok ‘L’, liema xhieda tikkorabora l-verzjoni li l-attrici tat permezz tax-xhieda guramentata taghha [DOK ‘K’];

Illi, dan il-fatt huwa *ben not, stante* li dokumenti li gew mahruga mill-awtoritajiet Awstraljani, il-pajjiz ta' adozzjoni taghha, jirriflettu dan l-istat ta' fatt u kwindi l-attrici trid li isem twelida jitbiddel minn **'Anna'** ghal **'Anne'** u dan mhux ghal ragunijiet kappricjuzi izda ghall-ahjar amministrazzjoni tal-hwejjeg personali u amministrativi taghha [*vide Dok* 'A', ‘D’, ‘E’, ‘G’ u ‘H’];

Illi, sahansitra anke id-Direttur tar-Registru Pubbliku jidher li f’ punt minnhom irrikonoxxa lill-attrici bhala 'Anne' u mhux 'Anna', ***[****vide Dok* 'G' - Estratt tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku nhar **il-25.09.1980];**

Ghaldaqstant, umilment titlob l-attrici Anne *sive* Anna Sammut nee` Sapiano, *a tenur* tal-provi dokumentarji kollha annessi, kif ukoll dawk il-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tas-smigh tal-kawza, u *ai termini* tal-Artiklu *et seq* tal-Kap.16 [Kodici Civili] tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex:

1a Titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-attrici matul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta' "Anne" u mhux bl-isem "Anna".

1b. Fl-**Att ta' Twelid** li jgib in-numru **0049755** bin-numru progressiv 6787 li jgib id-data **30.09.1954** fil-kolonna intestata ***'Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena',*** ix-xahar tat-twelid **'May'** jigi sostitwit bix-xahar **'April';** u sussegwentement tordna li; u sussidjarjament

2. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-Ewwel Talba, fir-rigward tal-istess, li l-kolonna intitolata *'Ismijiet moghtija'* fejn il-kontenut huwa imnizzel bhala *'Anna, Josephine, Carmela, Frances, Angela.'* l-isem **'Anna'** jigi sostitwit bl-isem **'Anne'** bid-debiti pubblikazzjonijiet skont il-ligi jekk ikun il-kaz; u konsegwentement

3. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-Tieni Talba, fir-rigward tal-istess, li l-kolonna intitolata *'Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* fejn il-kontenut huwa mnizzel bhala *'Anna'* l-isem **'Anna'** jigi sostitwit bl-isem **'Anne'**.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Gunju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 12 ta' Gunju 2015 (fol 47) fejn Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha iddikjarat :

1. Illi *in limine litis* ukoll huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi dwar id-data tat-twelid tar-rikorrenti, jigi rilevat li fiz-zmien meta gie rregistrat l-att tat-twelid in-kwistjoni u cioe' fis-sena 1954 d-dettalji fl-att kienu jitnizzlu unikament skont ma jiddikjara d-dikjarant. F'dan il-kaz id-dikjarant fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti kien missierha stess Charles Sapiano li ta d-dettalji kollha li tnizzlu fl-att tat-twelid inkluz id-data tat-twelid tar-rikorrenti. Huwa ffirma l-istess att b'dan ghalhekk li kien qed jikkonferma u jaccetta li l-informazzjoni kollha li tnizzlet fl-att kienet korretta. Dan ifisser li jekk fuq l-att tat-twelid tnizzel ix-xahar ta' "Mejju" bhala x-xahar li fih twieldet r-rikorrenti dan sehh unikament ghaliex missierha hekk iddikjara (mmarkat bhala Dok. DRP 1).

3. Illi l-esponent jirrileva li ghalkemm ir-rikorrenti taghmel referenza ghac-certifikat tal-maghmudija,ir-Registru Pubbliku ma joqghodx fuq dokumenti mahruga mill-knisja

sabiex inizzel id-dettalji fl-att izda fuq dak li jiddikjara d-dikjarant.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti sabiex isimha minflok "Anna" jigi "Anne", ghalkemm l-esponent m’ghandux oggezzjoni, bl-ebda mod ma jirrizulta li sar xi zball min-naha tal-intimat. Fil-fatt kien missierha li ddikjara li isem ir-rikorrenti ghandu jkun "Anna".

5. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, sabiex il-premessi tal-azzjoni taghha dwar l-isem jigu mibdula b'mod li jinkwadraw perfettament ruhhom taht il-parametri tal-ligi msemmija fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba tal-attrici ghandha tkun fis-sens li :

a. titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-attrici maghtul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta' “Anne” mhux bl-isem "Anna".

6. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr Etienne Calleja u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Intimat. Dr Calleja *in visto* tal-hames (5) eccezzjoni tal-intimat talab li ssir korrezzjoni tar-rikors promotur billi: l-ewwel talba ssir talba 1(a) u tizdied it-talba ndikata mill-intimat fl-istess paragrafu 5 u t-talba attwalment ennumerata bin-numru wiehed issir 1(b). It-talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat issir il-korrezzjoni rikjesta. Dr Cordina ghall-intimat ta ruhu notifikat bir-rikors kif korrett. Dr Calleja talab li jigi awtorizzat jipprezenta affidavit addizzjonali, il-Qorti laqet t-talba u kellu jipprezenta l-istess sal-15 ta' Lulju 2015. Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Lulju 2015 fid-9:30a.m. sabiex l-intimat jinforma lill-Qorti xi provi fadal.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 22 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat li irrimettiet ruhha ghall-provi in atti, u iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Dicembru 2015 fid-9:30a.m.

Rat ir-rikors tal-attrici datata 23 ta' Ottubru 2015 (fol 59) fejn talbet, illi din il-prova tigi ammessa fil-process verbal tal-kawza fl-ismijiet premessi, okkorrendo bid-debita

notifika tal-kontroparti u l-eventwali prolazzjoni tas-sentenza jekk ikun il-kaz; u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Awtorizzat lir-rikorrenti tesibixxi l-affidavit ta' missierha fl-atti ta' din il-kawza, b'dan li din tkun l-ahhar prova u awtorizzat lill-intimat sabiex jirregola ruhu dwar din il-prova fid-differiment li jmiss fil-15 ta' Dicembru 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 14 ta' Jannar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Borg ghall-konvenut. L-attrici u Dr Ettienne Calleja msejjah tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ostacolo ghat-22 ta' Marzu 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti qed taghmel din il-kawza *ai termini* tal-**artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu d-dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili. Illi l-attrici qed taghmel din it-talba biex tikkoregi isimha fuq l-att tat-twelid, u biex tikkoregi d-data tat-twelid taghha li giet erronjament registrata bhala 20 ta' Mejju 1954 minflok 20 ta' April 1954.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-14 ta' Mejju 2015 (fol.42) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

L-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, wiegeb dwar id-data tat-twelid, li d-dettalji fl-att kienu jitnizzlu skont ma jiddikjara d-dikjarant, li f'dan il-kaz kien missier ir-rikorrenti Charles Sapiano. Fil-fatt, gie esebit ukoll DRP1, l-att iffirmat minn missier ir-rikorrenti Charles Sapiano. (fol 50). Inghad ukoll, li r-Registru Pubbliku ma joqghodx fuq dokumenti mahruga mill-knisja, sabiex inizzel id-dettalji fl-att, u dan b'referenza ghac-certifikati tal-maghmudija esebiti. Fir-rigward tat-talba ghall-korrezzjoni fl-isem, gie eccepit, li ghalkemm m'hemmx oggezzjoni, dan zgur li ma kienx zball da parti tad-Dipartiment.

**Anna Sammut nee` Sapiano** xehdet b'affidavit (fol 36) fejn qalet li hi twieldet f'Malta fl-20 ta' April 1954. Hi semmiet li meta kien intalab estratt tal-att tat-telid taghha kien hemm imnizzel April ingassat, u maqtugh, u Mejju miktub fuqu. Qalet li dan hu zball ghax ma jirriflettix dak imnizzel f'dokumenti ohra tal-knisja. Qalet ukoll, li hija maghrufa bhala “Anne” u mhux “Anna” u ghalhekk, tixtieq li l-att tat-twelid jigi kkoregut ukoll f'dan is-sens.

**Joseph Sammut** xehed b'affidavit (fol 37) qal li hu r-ragel tar-rikorrenti u li dejjem jafha bhala “Anne”, u hija maghrufa b'dan l-isem anke fid-dokumenti ufficjali.

**Charles Sapiano** xehed b'affidavit u qal (fol 62) li hu missier ir-rikorrenti, u t-tifla tieghu twieldet fl-20 ta' April 1954. Qal li ma jistax jispjega kif fic-certifikat tat-twelid, it-tifla tieghu ghandha mnizzel li twieldet f'Mejju minflok f'April. Semma wkoll li bintu matul hajjitha kienet dejjem maghrufa bhala “Anne” u mhux “Anna.”

Jirrizulta mill-atti, li r-rikorrenti talbet u ottjeniet korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex tkun konformi ma' dak imsemmi fl-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, permezz ta' korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-23 ta' Gunju 2015 (fol 52). *In vista* ta' dan, il-hames eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti sostniet li hija twieldet fl-20 ta' April 1954, u li meta kien intalab ic-certifikat tat-twelid taghha, gie osservat li f'estratt tat-twelid, Formola I, datat 13 ta' April 1976 esebit bhala **Dok F** a fol 31 tal-process, ix-xahar tad-data tat-twelid kien miktub Mejju, u gie ngassat u mnizzel April. Izda, fl-estratt tat-twelid Form I (**Dok G** – fol 32) datat 25 ta' Awwissu 1980, id-data tat-twelid hija minizzla 20 ta' Mejju 1954. Fl-estratt formali tal-att tat-twelid datat 27 ta' Novembru 2014 esebit bhala **Dok I** (fol 34). Illi missier ir-rikorrenti Charles Sapiano, qal fl-affidavit tieghu li t-tifla tieghu twieldet f'April u ma jistax jispjega kif fic-certifikat tat-twelid giet imnizzla f'Mejju, u ma jistax jiftakar, meta ffirma c-certifikat tat-twelid ta' bintu, li x-xahar tad-data tat-twelid ta' bintu kienet imnizzla erronjament.

Ikkonsidrat li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia "l-atti u r-registri tal-parrocci dwar twelid, zwieg, u mewt, u d-dispozizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem il-Kappillan,"* (**art. 629(b) tal-Kap 12**). Ir-rikorrenti esebiet ic-certifikati tal-maghmudija taghha debitament iffirmati mill-Kappillan (**Dok B u C** fol 27-28) minn fejn jirrizulta li d-

data tat-twelid taghha hija mnizzla bhala l-20 ta' April 1954, filwaqt li d-data tat-20 ta' Mejju 1954 hija d-data tal-maghmudija taghha. Illi ghandu jinghad ukoll li s-sistema legali taghna tpoggi fiducja fic-certifikat tal-maghmudija tant li skont l-**artikolu 273(1) tal-Kap 16** li: *"L-avviz tat-twelid jista' jinghata billi wiehed jibghat lill-ufficjal hawn fuq imsemmi fidi tal-maghmudija, iffirmata mill-Kapillan jew sacerdot iehor, li jkun ghammed it-tarbija."*

Ghalhekk, dak sostnut mir-rikorrenti u missierha Charles Sapiano fl-affidavits taghhom, huwa sorrett b'dokument rikonoxxut legalment, u cjoe` c-certifikat tal-maghmudija. Illi wara li rat ic-certifikat tal-maghmudija u l-affidavits esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li d-data registrata fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent hija wahda zbaljata u d-data tat-twelid taghha ghandha tigi korretta sabiex titnizzel id-data 20 ta' April 1954 minflok id-data registrata.

Illi r-rikorrenti talbet ukoll li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha fir-rigward ta' isimha peress li hija maghrufa bl-isem "Anne". Illi fil-mertu r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem "Anne". Hija esebiet kopji ta' dokumenti (fol 54-56), fosthom ic-certifikat taz-zwieg u kopja ta' karta anzjan, u kopja tal-licenzja tas-sewqan fejn dejjem hija mnizzla bhala "Anne Sammut".

Inoltre` r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li dejjem kienet imsejha bl-isem "Anne", hekk kif ikkonferma wkoll missierha fl-affidavit tieghu. Zewgha Joseph Sammut fl-affidavit tieghu wkoll qal

li dejjem jafha bhala Anne u fid-dokumenti ufficjali hija wkoll maghrufa bl-isem “Anne”.

Illi fid-dawl ta’ dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija konsistentement kienet maghrufa bl-isem “Anne” u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

Fid-dawl tal-premess, din il-qorti jidhrilha li ghandha tilqa’ t-talbiet rikorrenti fis-sens spjegat billi huma gustifikati.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti.

Dwar il-kap tal-ispejjez, jirrizulta li jidher li sar zball fid-data tal-att tat-twelid, izda mhux certament fl-isem. Illi ma giex sufficjentement ippruvat li l-izball fid-data tat-twelid kien a kariku esklussivament tad-Direttur intimat, ghalhekk, fic-cirkostanzi, taqbel li l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet moghtija billi:

1a. **Tilqa’ l-ewwel talba** u tiddikjara li l-attrici matul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta' "Anne*"* u *m*hux bl-isem "Anna".

1b. **Tilqa’ t-tieni talba u** tordna li fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv 6787 li jgib id-data 30.09.1954 fil-kolonna

intestata *'Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena',* ix-xahar tat-twelid 'May' jigi sostitwit bix-xahar 'April'; u sussegwentement tordna li; u sussidjarjament

2. **Tilqa' t-tielet talba** u tordna li fir-rigward tal-istess, li l-kolonna intitolata *'Ismijiet moghtija'* fejn il-kontenut huwa imnizzel bhala *'Anna, Josephine, Carmela, Frances, Angela.'* l-isem **'Anna'** jigi sostitwit bl-isem **'Anne'** .

3. **Tilqa' raba' talba** u fir-rigward tal-istess, li l-kolonna intitolata *'Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* fejn il-kontenut huwa mnizzel bhala *'Anna'* l-isem **'Anna'** jigi sostitwit bl-isem **'Anne'**.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti**.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2016**